TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviv Numru CCT 254/12/GZ

**Constantino u Emily Borg**

**vs**

**Homeline Ltd.**

Illum 13 ta' Marzu 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-28 ta' Settembru, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' mitejn disghu u ghoxrin Ewro (€229.00), rapprezentanti l-prezz ta' magna tal-hasil li huma xtraw minghand is-socjeta' ntimata, liema magna tal-hasil kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma kienu xtraw magna tal-hasil minghand is-socjeta' ntimata. Meta kienu marru jarawha, kienet ghogbithom u kienu staqsew fejn kien il-filter, fejn is-socjeta' ntimata kienet uriethom fejn kien il-filter u nformathom ukoll illi meta l-magna tal-hasil tigi kkonsenjata lilhom, hija turihom kif ghandha tinhadem. Meta l-magna tal-hasil giet ikkonsejata lir-rikorrenti, huma kienu gew murija kif ghandu jitnaddaf il-filter. Pero', wara li ntuzat xi tliet darbiet, il-magna tal-hasil instaddet, filwaqt li l-filter ma kellu ebda tnietex fih. Ghalhekk, ir-rikorrenti kienu cemplu lis-

socjeta'. ntimata, fejn gie spjegat lilhom li din il-magna tal-hasil kellha l-filter taht il-pulsator u li jrid jinfetah.

Ir-rikorrenti jhossu illi dan kien difett mohbi ghaliex is-socjeta' ntimata ma kenitx informathom dwaru. Kieku kienu jafu, ma kienux jixtruha u ghaldaqstant huma qed jitolbu l-flus lura jew li jinghataw magna tal-hasil bl-istess specifications bil-filter jahdem.

Ir-rikorrenti ezebew diversi dokumenti relatati mat-talba taghom.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Il-magna tal-hasil li nxtrat mir-rikorrenti hija mudell mill-ahjar teknologija fuq magni tal-hasil, u sahansitra hija ahjar minn mudelli ta' qabel, li kien ikollhom filter wiehed biss.

Il-magna tal-hasil ghandha zewg filters u dan huwa ta' vantagg. Il-filter normali qieghed hemm biex izomm tnietex illi jkun hemm f'kull hasla, u iktar minn hekk, ghandha filter li bis-sahha tieghu l-ebda tnietex ma jidhlu gewwa l-pompa, u b'hekk ma jkun hemm ebda hsara.

Huwa importanti illi l-banju tal-hasil ikollu bizzejjed ilma sabiex il-filter in-normali jkun qieghed imiss ma' l-ilma sabiex ikun jista' jaqbad xi tnietex, ghaliex jekk l-ilma ma jkunx qieghed sal-livell tal-filter, zgur mhux sejjer jaqbad tnietex mal-filter normali u t-tnietex iridu jieqfu gewwa it-tieni filter ta' qabel il-pompa. Sabiex jinqala' l-agitator u jitnaddaf it-tieni filter, kull ma jrid isir huwa li jinhal vit. Dan huwa facli hafna biex isir u ta' l-ebda strapaz, jew xi bzonn ta' tekniku. Dan huwa ezercizzju normali ta' tindif illi jrid isir bl-aktar mod facli. L-istess haga bhal li kieku fuq magna awtomatika, fejn wiehed ikollu jiftah it-tapp tal-pompa sabiex inehhi xi tnietex.

Is-socjeta' ntimata ezebiet estratt mill-'manual' tal-magna tal-hasil in kwistjoni.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti, fuq talba tat-Tribunal, ezebew estratt mill-'manual' tal-magna tal-hasil in kwistjoni, li gie mmarkat bhala Dok.EB1.

Ir-rikorrenti ezebew il-filter tal-magna tal-hasil in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, huwa konvint illi s-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi tagħha, u li l-magna tal-hasil in kwistjoni fil-fatt ma għandha l-ebda tip ta' difett. Jekk ir-rikorrenti ma tawx kaz il-'manual' li nghata lilhom meta xtraw il-magna tal-hasil in kwistjoni, liema 'manual' fih l-istruzzjonijiet ta' tindif tal-filter, dana certament ma kienx nuqqas da parte tas-socjeta' ntimata. Illi għalhekk, it-Tribunal qed isib it-talba tar-rikorrenti manifestament frivola u qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**